



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2012/2170(DEC)

28.1.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima IV – Qorti tal-Ġustizzja
(C7-0227/2012 – 2012/2170(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Eva Lichtenberger

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li r-rata ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet għat-Taqsima IV – Qorti tal-Ġustizzja, baqgħet għolja ħafna fl-2011 (b'kollox aktar minn 98 %, u saħansitra aktar minn 99 % għall-appropriazzjonijiet fit-Titolu 2). Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li r-rata ta' implimentazzjoni setgħet laqgħet id-99 % li ma kienx għar-rifjut tal-Kunsill li jsegwi li l-proposta tal-Kummissjoni għall-aġġustament tas-salarji (+1.7% b'effett retroattiv mill-1.7.2011);
2. Jenfasizza li l-baġit tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa purament amministrattiv, b'75 % tan-nefqa għall-persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni u 25 % għall-bini, l-għamara, it-tagħmir u n-nefqiet operattivi varji;
3. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Qorti tal-Awdituri, fir-Rapport Annwali għall-2011 tagħha, ma għamlet l-ebda osservazzjoni rigward il-Qorti tal-Ġustizzja, kif diġà kien il-każ għas-sena 2010;
4. Jindika li l-istatistika rigward l-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2011 turi, b'mod ġenerali, bżonn ta' titjib fl-effiċjenza fir-rigward tat-tul tal-proċedimenti: fir-rigward tas-sentenzi preliminari, il-perjodu medju li jittieħed biex ikun trattat każ hu ta' 16.4 xhur, meta mqabbel maċ-ċifra għas-sena 2010 (16-il xahar). Il-perjodu ta' żmien medju li ttieħed biex jiġu trattati azzjonijiet diretti u appelli fl-2011 kien ta' 20.2 xhur u 15.4 xhur, rispettivament (meta mqabbel mas-16.7 xhur u mal-14.3 xhur fl-2010);
5. Jinnota li l-Qorti kkonkludiet 550 kawża fl-2011, żieda notevoli meta mqabbla mas-sena preċedenti (522 kawża konklużi fl-2010). Minn dawn il-kawżi, 370 ġew konklużi b'sentenza u 180 wasslu għal digriet;
6. Jilqa' l-iżvilupp tal-applikazzjoni "e-Curia", li tippermetti l-preżentazzjoni u n-notifika tal-atti proċedurali b'mezz elettroniku; jenfasizza li l-applikazzjoni "e-Curia" għandha tippermetti, maż-żmien, parti kbira tal-iskambji ta' korrispondenza, li tiġi eliminata d-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti li jinbagħtu lill-istituzzjoni u minnha, u tippermetti l-ottimizzazzjoni tal-flussi ta' xogħol interni;
7. Jappoġġa l-inizjattiva meħuda mill-Qorti ta' Ġustizzja għar-riforma tal-Istatut u tar-Regoli ta' Proċedura tagħha minħabba l-isfidi li qed taffronta b'rabta maż-żieda fin-numru ta' kawżi; jinnota li l-bosta tibdiliet miftehma mil-leġiżlaturi diġà ddaħħlu fis-seħħ jew qegħdin jiġu implimentati; jittama li fl-2013 jiġu adottati miżuri strutturali urġenti ulterjuri, b'mod partikolari għall-ħatra ta' mħallfin addizzjonali fil-Qorti Ġenerali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	22.1.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Dimitar Stoyanov, Rebecca Taylor, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Piotr Borys, Vytautas Landsbergis, Eva Lichtenberger, Dagmar Roth-Behrendt, József Szájer, Axel Voss